## Mudell Y 32

# Dikjarazzjoni dwar il-votazzjoni għall-Parlament Ewropew fil-Pajjiżi l-Baxxi

Tgħix fil-Pajjiżi l-Baxxi u ċittadin/a ta' stat membru ieħor tal-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li tista' tagħżel f'liema pajjiż tivvota għall-Parlament Ewropew. Tista' tuża din il-formola biex tiddikjara li inti tivvota fil-Pajjiżi l-Baxxi u mhux fl-istat membru tal-oriġini tiegħek. Jekk tixtieq tivvota fil-pajjiż tal-oriġini tiegħek, m'hemm għalfejn tagħmel xejn.

Wara li tissottometti din id-dikjarazzjoni, inti tibqa' reġistrat/a fil-Pajjiżi l-Baxxi bħala votant/a għall-Parlament Ewropew (sakemm tgħix fil-Pajjiżi l-Baxxi). Jekk tkun tixtieq tibdel ir-reġistrazzjoni tiegħek u terġa' tibda tivvota fil-stat membru tal-oriġini tiegħek, ikkuntattja l-muniċipalità tiegħek biex tirrevoka din id-dikjarazzjoni u tirreġistra mal-awtoritajiet tal-istat membru tal-oriġini tiegħek.

**Meta għandek tissottometti din id-dikjarazzjoni**
Il-muniċipalità fejn inti reġistrat/a bħala votant/a trid tkun irċeviet din il-formola mill-inqas 6 ġimgħat qabel id-data tal-votazzjoni. Inti tirċievi kard tal-votazzjoni li biha tkun tista' tivvota.

**Identifikazzjoni**
Ehmeż kopja ta' forma ta' identifikazzjoni valida:

- Passaport validu minn wieħed mill-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea jew iż-Żona Ekonomika Ewropea.
- Karta tal-identità valida minn wieħed mill-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea jew iż-Żona Ekonomika Ewropea.
- Liċenzja tas-sewqan valida minn wieħed mill-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea jew iż-Żona Ekonomika Ewropea.
- Dokument li għandu jkollu ċittadin barrani skont l-Att dwar il-Barranin tas-sena 2000 (Aliens Act 2000) u li jistabbilixxi l-identità, iċ-ċittadinanza jew l-istatus ta' residenza tiegħu.

**Avviż!**
Huwa reat kastigabbli li tivvota kemm fil-Pajjiżi l-Baxxi kif ukoll fl-istat membru tal-oriġini tiegħek. Tista' tingħata sentenza ta' massimu ta' xahar ħabs jew inkella multa.

## 1. Id-dettalji tiegħek

*isem* ________ *l-ewwel isem u l-inizjali tat-tieni isem* ________ *isem xebba (jekk applikabbli):* ________ ☐ raġel ☐ mara

*indirizz* ________ *belt/raħal* ________ *pajjiż* Il-Pajjiżi l-Baxxi

*data tat-twelid* ________ ________ *belt/raħal tat-twelid* ________

*l-aħħar indirizz fl-istat membru tal-oriġini* ________ ________

## 2. Firma

Niddikjara li m'iniex eskluż/a mid-dritt li nivvota u li m'iniex se nieħu sehem fl-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew f'ebda stat membru ieħor tal-Unjoni Ewropea.

Data ________

Firma ________